MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tas-7 ta' Marzu, 2012

Citazzjoni Numru. 2041/1999/1

Salvino **FARRUĠIA** għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjeta' estera assenti *Rexa Facilitations Limited* reġistrata fir-Renju Unit kif debitament awtorizzat; u b'Nota tat-23 ta' Diċembru, 2004, assuma l-atti l-istess Saviour Farruġia, issa bħala mandatarju tal-asssenti George Griffith maħtur stralċjarju tal-kumpannija *Rexa Facilitations Limited*

vs

**EXALCO HOLDINGS LIMITED**

**Il-Qorti:**

Rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fl-24 ta' Settembru, 1999, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissrin, l-attur *nomine* talab li l-Qorti (i) issib li huwa wettaq il-parti tiegħu tal-ftehim

magħmul bejn il-partijiet fil-15 ta' Diċembru, 1998, u li għalhekk hija dovuta lilu mingħand il-kumpannija mħarrka s-somma ta' disat elef u disa' mitt lira Sterlina (£ 9,900) li jġibu sitt elef erba' mija u tletin lira Maltija (Lm 6,430)[1], flimkien mal-imgħaxijiet legali b'seħħ mis-17 ta' Awissu, 1999; (ii) issib li, bis-saħħa tal-imsemmi ftehim, il-kumpannija mħarrka jmissha tħallsu wkoll il-*management fee* għal żmien ta' sentejn maħdum bir-rata tal-għaxra fil-mija (10%) fuq il-*gross operating profit* reġistrat fl-istabiliment *The World Sports Cafe'* f'Paċeville; (iii) tillikwida, jekk meħtieġ billi taħtar perit, l-ammont ta' *management fee* kalkolat bl-imsemmija rata tal-għaxra fil-mija (10%) fuq il-qligħ gross mill-imsemmija tmexxija; u (iv) tikkundanna lill-istess kumpannija mħarrka tħallsu wkoll il-*management fee* hekk likwidat. Talab ukoll l-ispejjeż;

Rat in-Nota tal-Eċċezzjonijiet imressqa mill-kumpannija mħarrka fil-11 ta' Frar, 2000, li biha laqgħet għall-azzjoni attriċi billi qalet li t-talbiet tal-attur *nomine* ma jmisshomx jintlaqgħu u dan billi kienet il-kumpannija attriċi li naqset li twettaq l-obbligi u r-rabtiet li hija daħlet għalihom u dan billi x-xogħol u s-servizzi li tat ma kenux skond ma jitolbu s-sengħa u l-arti u ġabu ħsara u danni lill-kumpannija eċċipjenti. Żiedet tgħid li żammet l-aħħar żewġ ħlasijiet minħabba li, sa dak inhar, beda jidher li l-kumpannija attriċi kienet naqset milli twettaq xogħolha sewwa u, f'kull każ, it-talba għall-ħlas saret qabel waqtha. Minbarra dan, l-attriċi ma wettqitx ix-xogħol kollu li kienet tqabbdet tagħmel u b'hekk ma jistħoqqilha qatt il-ħlas sħiħ li qiegħda titlob. Għal dak li jirrigwarda t-talba tal-likwidazzjoni u l-ħlas tal-*management fee*, qalet li l-kumpannija attriċi ma tista' tippretendi l-ebda ħlas minħabba li l-eċċipjenti kienet eżerċitat id-diskrezzjoni mħollija lilha fil-kuntratt innifsu li tgħarraf lill-kumpannija attriċi li me kenitx sejra tinqeda bis-servizzi tagħha biex tmexxilha r-ristorant, u dan wara li bdew jidhru n-nuqqasijiet f'dak li l-kumpannija attriċi kienet għamlet qabel;

[1] Li jġibu € 14977.87 fi flus tal-lum

Rat il-Kontro-Talba mressqa mill-kumpannija mħarrka flimkien mal-imsemmija Nota tal-Eċċezzjonijiet, li biha u għar-raġunijiet hemm imfissra, talbet li din il-Qorti (i) tillikwida, bil-ħidma ta' periti maħturin mill-Qorti, d-danni li hija ġarrbet minħabba l-imġiba tal-kumpannija attriċi; (ii) tikkundanna lill-attur *nomine* rikonvenut biex iħallasha s-somma hekk likwidata jew li jpaċi l-istess somma ma' ammonti dovuti lill-kumpannija attriċi, skond il-każ, u li l-kumpannija attriċi tħallasha l-bilanċ riżultanti; (iii) issib li l-Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju maħruġ kontriha mill-kumpannija attriċi kien wieħed bla ħtieġa u biex idejjaq; (iv) tillikwida d-danni konsegwenzjali li hija ġarrbet minħabba l-ħruġ tal-imsemmi Mandat min-naħa tal-kumpannija attriċi rikonvenuta u/jew tikkundannaha tħallasha penali minħabba l-ħruġ tal-imsemmi Mandat; u (v) tikkundanna lill-kumpannija attriċi rikonvenuta tħallasha d-danni konsegwenzjali u/jew penali skond il-każ.  Talbet ukoll l-ispejjeż u l-imgħaxijiet legali;

Rat in-Nota tal-Eċċezzjonijiet imressqa mill-attur *nomine* rikonvenut fit-23 ta' Frar, 2000, li biha laqa' għall-Kontro-Talba billi qal li t-talbiet rikonvenzjonali m'humiex mistħoqqa u dan għaliex il-Mandat inħareġ tajjeb, billi ma hemm l-ebda tpaċija xi ssir bejn il-partijiet, billi l-kumpannija mħarrka kienet qalet li hija soddisfatta bix-xogħol li ngħatalha, billi r-ristorant kien infetaħ u tħaddem, u billi l-ftehim kien jgħid li hija kellha tkun il-*manager* tar-ristorant u hekk riedet li tkun.  Huwa jgħid li l-kumpannija mħarrka qiegħda toħloq missa in xena biex taħrab milli tħallas dak li għandha tħallas.  Huwa temm jgħid li jiċħad li huwa ikkawża xi danni lill-kumpannija mħarrka;

Rat id-degriet tagħha (diversament presjeduta) tas-6 ta' Ottubru, 2000[2], li bih ħatret lill-Avukat Maria Dolores Gauċi bħala Assistent Ġudizzjarju tagħha, biex tisma' x-xhieda tal-partijiet marbuta mal-każ, liema ħatra ttenniet b'degriet ieħor tas-7 ta' Novembru, 2001[3];

[2] Paġ. 77 tal-proċess
[3] Paġ. 223 tal-proċess

Rat il-provvediment tagħha (diversament presjeduta) mogħti fil-15 ta' Novembru, 2000[4], li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, ċaħdet talba tal-kumpannija rikorrenti biex tordna lill-kumpannija attriċi tressaq garanzija għall-finijiet tal-artikolu 838A tal-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta;

Rat ix-xhieda mismugħa u mressqa mill-kumpannija mħarrka quddiem l-Assistent ġudizzjarju;

Rat id-degriet tagħha (diversament presjeduta) tat-23 ta' Settembru, 2002[5], li bih ċaħdet talbiet magħmulin mill-kumpannija mħarrka b'rikors tagħha tal-10 ta' Ġunju, 2002, biex il-kumpannija mħarrka tirregola ruħha dwar min qed jidher għaliha ladarba tqiegħdet fi stralċ, u biex l-istess kumpannija attriċi tiddepożita garanzija xierqa biex jitħarsu l-interessi tagħha fil-kawża;

Rat id-degriet tagħha tas-27 ta' Ottubru, 2004[6], li bih tat żmien lill-attur *nomine* biex iressaq is-sottomissjonijiet tal-għeluq bil-miktub;

Rat in-nota mressqa mill-attur *nomine* fit-23 ta' Diċembru, 2004[7], li biha George Griffith assuma l-atti tal-kawża bħala stralċjarju tal-kumpannija attriċi;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-attur *nomine* fis-27 ta' Diċembru, 2004[8], li fiha, fost l-oħrajn, ma baqax jinsisti aktar dwar it-talbiet tiegħu għall-ħlas tal-*management fee* (it-tieni, t-tielet u r-raba' talbiet attriċi);

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-kumpannija mħarrka fit-28 ta' Frar, 2005[9], bi tweġiba għal dik imressqa mill-attur *nomine*, u li fiha, fost l-oħrajn, irtirat it-talbiet rikonvenzjonali tagħha;

Rat ir-rikorsi tal-kumpannija mħarrka tat-12 ta' Novembru, 2007[10], u tal-4 ta' Lulju, 2008[11], u d-degrieti relattivi;

---

[4] Paġġ. 96 – 8 tal-proċess
[5] Paġ. 291 tal-proċess
[6] Paġ. 352A tal-proċess
[7] Paġġ. 352B u 352Ċ tal-proċess
[8] Paġġ. 353 – 6 tal-proċess
[9] Paġġ. 359 sa 364 tal-proċess
[10] Paġ. 374 tal-proċess

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-degrieti tagħha li bihom ħalliet il-kawża għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija kawża dwar ħlas ta' servizzi ta' għoti ta' konsulenza u *project management* b'rabta mal-ftuħ ta' stabiliment kummerċjali. Il-kumpannija attriċi (aktar 'il quddiem imsejħa "Rexa") tqabbdet mill-kumpannija mħarrka (aktar 'il quddiem imsejħa "Exalco") biex tagħtiha pariri u tħejjilha x-xogħlijiet kollha meħtieġa sabiex Exalco tħaddem ristorant f'Paċeville. Billi Exalco naqset li tħallas f'waqtu għas-servizzi mogħtija minn Rexa, din fittxet għal dawk il-ħlasijiet miftehma u wkoll għas-sehem tagħha ta' *management fee* għal żmien ta' sentejn wara li nfetaħ l-imsemmi ristorant. Talbet ukoll l-imgħaxijiet legali;

Illi għal din l-azzjoni, Exalco laqgħet billi qalet li t-talbiet tal-attur *nomine* ma jmisshomx jintlaqgħu u dan billi kienet il-kumpannija attriċi li naqset li twettaq l-obbligi u r-rabtiet li hija daħlet għalihom u dan billi x-xogħol u s-servizzi li tat ma kenux skond ma jitolbu s-sengħa u l-arti u ġabu ħsara u danni lill-kumpannija eċċipjenti. Żiedet tgħid li żammet l-aħħar żewġ ħlasijiet minħabba li, sa dak inhar, beda jidher li l-kumpannija attriċi kienet naqset milli twettaq xogħolha sewwa u, f'kull każ, it-talba għall-ħlas saret qabel waqtha. Minbarra dan, l-attriċi ma wettqitx ix-xogħol kollu li kienet tqabbdet tagħmel u b'hekk ma jistħoqqilha qatt il-ħlas sħiħ li qiegħda titlob. Għal dak li jirrigwarda t-talba tal-likwidazzjoni u l-ħlas tal-*management fee*, qalet li l-kumpannija attriċi ma tista' tippretendi l-ebda ħlas minħabba li l-eċċipjenti kienet eżerċitat id-diskrezzjoni mħollija lilha fil-kuntratt innifsu li tgħarraf lill-kumpannija attriċi li me kenitx sejra tinqeda bis-servizzi tagħha biex tmexxilha r-ristorant, u dan wara li bdew jidhru n-

[11] Paġ. 383 tal-proċess

nuqqasijiet f'dak li l-kumpannija attriċi kienet għamlet qabel;

Illi l-istess kumpannija mħarrka mbagħad għaddiet biex tressaq azzjoni rikonvenzjonali biex titlob id-danni minħabba li Rexa ikkawżatilha bil-ħruġ ta' Mandat kawtelatorju u minħabba li s-servizzi li tatha ma kenux ta' kwalita' u saru ħażin;

Illi Rexa laqgħet għall-Kontro-Talba billi qalet li t-talbiet rikonvenzjonali m'humiex mistħoqqa u dan għaliex il-Mandat inħareġ tajjeb, billi ma hemm l-ebda tpaċija xi ssir bejn il-partijiet, billi l-kumpannija mħarrka kienet qalet li hija soddisfatta bix-xogħol li ngħatalha, billi r-ristorant kien infetaħ u tħaddem, u billi l-ftehim kien jgħid li hija kellha tkun il-*manager* tar-ristorant u hekk riedet li tkun.  Hija żiedet tgħid li l-kumpannija mħarrka qiegħda toħloq missa in xena biex taħrab milli tħallas dak li għandha tħallas.  U temmet tgħid li tiċħad li hija ikkawżat xi danni lill-kumpannija mħarrka;

Illi meta tressqu s-sottomissjonijiet bil-miktub miż-żewġ partijiet wara li ngħalaq l-istadju tal-ġbir tal-provi, l-attur *nomine* iddikjara[12] li ma kienx għadu jinsisti fuq it-talbiet tiegħu biex Exalco tħallsu s-sentejn *management fee*. Min-naħa tagħha, fis-sottomissjonijiet tagħha[13], Exalco iddikjarat li, minħabba ċ-ċirkostqanzi li fihom kienet spiċċat Rexa sa dak inhar, ma kenitx għadha tinsisti għat-talbiet rikonvenzjonali tagħha;

Illi għalhekk, fid-dawl ta' l-imsemmija rinunzji min-naħa taż-żewġ partijiet, il-Qorti m'hijiex sejra tqis provi u sottomissjonijiet marbuta mal-imsemmija talbiet jew kontro-talbiet, ħlief safejn dawk il-provi huma rilevanti għall-kwestjonijiet li dwarhom il-partijiet ma ressqux rinunzja;

Illi għal dak li jirrigwarda l-<u>fatti li joħorġu mill-atti tal-kawża</u>, jirriżulta li Rexa kienet kumpannija reġistrata fir-Renju Unit bħala kumpannija b'responsabbilta' limitata f'Mejju tal-

[12] Nota ta' sottomissjonijiet tiegħu f'paġ. 356 tal-proċess
[13] Nota ta' sottomissjonijiet tagħha f'paġ. 359 tal-proċess

1997[14] taħt l-isem Luckyapply Limited[15]. Għall-ħabta ta' nofs is-sena 1998, Exalco daħlet f'negozjati ma' Rexa dwar proġett ta' tħaddim ta' ristorant. Billi dan kien maħsub li jkun wieħed tematiku, Rexa mexxiet studju[16] dwar il-potenzjal fis-suq Malti għal ristorant bħal dan. L-imsemmi studju sar bejn nofs Ottubru u l-bidu ta' Novembru ta' dik is-sena[17];

Illi b'kitba li ġġib id-data tal-15 ta' Diċembru, 1998[18], Rexa ntrabtet li tagħti servizzi ta' konsulenza u tħejjijiet għall-ftuħ u t-tmexxija għall-ewwel sentejn (2) mill-ftuħ ta' ristorant tematiku li kellu jkun jismu "*World Sports Cafe*" f'Paċeville. Dan il-proġett kellu jieħu tliet (3) xhur b'dan li jekk kemm-il darba kellu jtul għal aktar minn hekk Rexa kienet marbut li tibqa' tagħti s-servizz bla ħlas sakemm jinfetaħ ir-ristorant. Il-kuntratt tat-tmexxija tar-ristorant lest kellu jibqa' għal żmien sentejn (2) mill-ftuħ, suġġett għall-approvazzjoni min-naħa ta' Exalco. Għal dan is-servizz, Rexa kellha titħallas is-somma ta' disgħa u tletin elf u sitt mitt lira Sterlina (£ 39,600) flimkien ma' *management fee* għal żmien ta' sentejn, maħdum fuq ir-rata tal-għaxra fil-mija (10%) kalkolati fuq il-qligħ gross reġistrat mit-tħaddim tal-istess ristorant;

Illi l-ħlas tal-kuntratt fuq imsemmi kellu jsir fis-somma ta' ħamest elef disa' mija u erbgħin lira Sterlina (£ 5,940) kull xahar b'seħħ minn dak inhar tal-ftehim għall-ewwel ħames (5) xhur, u mbagħad ħlas ieħor f'dak l-ammont malli jintemm is-servizz ta' konsulenza u tlitt elef disa' mija u sittin lira Sterlina (£ 3,960) tlitt (3) xhur wara l-ftuħ tar-ristorant. Iżda jekk kemm-il darba x-xogħol jitħaffef u l-ftuħ tar-ristorant jitressaq 'il quddiem, il-ħlasijiet ukoll jitħaffu u jibqa' biss il-ħlas tal-aħħar għaxra fil-mija tal-kuntratt, li jitħallas tliet xhur wara l-ftuħ;

Illi fi Frar tal-1999[19], Exalco talbet il-permess tal- Bord kompetenti dwar il-lukandi u r-ristoranti (H.C.E.B.) biex

[14] Xhieda ta' Alexia Reid 9.10.2000, f'paġ. 81 tal-proċess
[15] Dok f'paġ. 285 tal-proċess
[16] Dok "RF5", f'paġġ. 53 sa 84 tal- atti tar-Rikors 2041/99GV (Revoka)
[17] Xhieda ta' Alexia reid 9.10.2000, f'paġ. 85 tal-proċess
[18] Dok "A", f'paġġ. 5 sa 14 tal-proċess
[19] Dok "Ċ", f'paġġ. 42 – 5 tal-proċess

Rexa tkun tista' tmexxi r-ristorant bħala *manager*. It-talba ntlaqgħet fil-bidu ta' Awissu u l-permess ingħata[20]. Sa Novembru tal-1999, ma kien intalab minn Exalco l-ebda permess ieħor biex ir-ristorant jitmexxa minn ħaddieħor minflok Rexa[21];

Illi għall-ħabta tal-bidu ta' Awissu, Alistair Pattie, wieħed mir-rappreżentanti ta' Rexa fuq il-proġett f'Malta ta' Exalco, irriżenja mill-kariga tiegħu minn ma' Rexa minħabba li ma kenitx ħallsitu s-salarju u benefiċċji oħra mwiegħda lilu meta tqabbad jaħdem magħha[22];

Illi l-post infetaħ uffiċjalment fit-2 ta' Awissu, 1999, wara li kien ilu madwar xahar jitħaddem ("*soft opening*") qabel ma ġie uffiċjalment inawgurat[23]. Ir-ristorant beda jitmexxa minn kumpannija – World Sports Cafe' Limited – li hija sussidjarja ta' Exalco[24]. Fit-2 ta' Awissu, 1999[25], Alex Montanaro (direttur ta' Exalco) bagħat jikteb lil Rexa li kien urtat b'dak li ra lejliet meta mar fir-ristorant u sab li l-affarijiet ma kenux qegħdin jitmexxew kif kien mistenni. Rexa wieġbet dak inhar stess biex tfisser il-qagħda[26]. Wara xi diskors li sar matul dak inhar, Rexa reġgħet kitbet lil Exalco l-għada[27], biex tavżaha li kienet waqgħet lura fil-ħlasijiet miftehma u talbitha tħallashom u li kienet sejra tqabbad avukat biex, minn hemm 'il quddiem, jieħu f'idejh il-każ tagħha. Fl-aħħar ta' Awissu[28], Exalco bagħtet fattura lil Rexa dwar in-nefqiet żejda li Exalco qalet li kellha tagħmel minħabba żbalji fit-twettiq tal-proġett kawżati minn Rexa jew nefqiet li Rexa għamlet mingħajr awtorizzazzjoni;

Illi fit-23 ta' Settembru tal-1999, Rexa talbet u kisbet il-ħruġ ta' Mandat ta' Sekwestru[29] kontra Exalco għas-somma ta' sebgħa u għoxrin elf lira Maltin (Lm 27,000).

[20] Xhieda ta' Alexa Reid 17.11.1999, f'paġ. 131 tal-atti tar-Rikors 2041/99GV (Revoka)
[21] Xhieda tal-Avukat Edward DeBono 22.11.1999, f'paġ. 113 tal-atti tar-Rikors 2041/99GV (Revoka) u Dok "D", f'paġ. 46 tal-proċess
[22] Dok "AM2", f'paġġ. 42 – 4 tal-atti tar-Rikors 2041/99GV (Revoka)
[23] Xhieda ta' Alex Montanaro f'paġġ. 35 – 6 tal-atti tar-Rikors 2041/99GV (Revoka)
[24] Ara Dok "AM1", f'paġ. 218 tal-proċess
[25] Dok f'paġ. 166 tal-proċess
[26] Dok f'paġ. 165 tal-proċess
[27] Dok f'paġ. 167 tal-proċess
[28] Dok "AMA", f'paġ. 246 tal-proċess
[29] Rik. Nru. 4181/99FF

L-għada, fl-24 ta' Settembru, 1999, Rexa fetħet din il-kawża;

Illi fis-6 ta' Ottubru, 1999, Exalco ressqet talba biex jinħareġ il-Kontro-Mandat għall-Mandat ta' Sekwestru maħruġ kontriha minn Rexa u biex il-Qorti tikkundanna lil Rexa għall-ħlas tal-penali maħsuba fl-artikolu 836(8) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. B'degriet mogħti fis-6 ta' Diċembru, 1999[30], u għar-raġunijiet fih imsemmija, din il-Qorti (diversament presjeduta) ċaħdet it-talbiet ta' Exalco. World Sports Cafe' Limited waqfet tmexxi r-ristorant f'April tal-2001[31], iżda krietu lil terzi u jintuża bħala żewġ stabilimenti kummerċjali mmexxija għal rashom[32];

Illi l-konsiderazzjonijiet ta' dritt f'din il-kawża jintrabtu ma' żewġ ordnijiet ta' ħsieb. F'naħa waħda hemm il-pretensjonijiet tal-ħlas ta' Rexa, imnissla min-nuqqas ta' ħlas f'waqtu ta' Exalco u l-allegat inadempiment kuntrattwali min-naħa ta' din. Fin-naħa l-oħra, hemm il-pretensjonijiet ta' Exalco dwar l-inadempiment kuntrattwali min-naħa ta' Rexa li jiġġustifika li ma jsirilhiex il-ħlas bilanċjali li qiegħda tippretendi mingħandha;

Illi l-Qorti sejra tistħarreġ l-allegazzjonijiet taż-żewġ partijiet dwar ksur tal-kuntratt;

Illi f'każ fejn iż-żewġ partijiet f'kuntratt jixlu lil xulxin b'nuqqas ta' twettiq, il-ġudikant ikun irid jagħmel valutazzjoni li tqabbel l-imġiba tal-parti l-waħda ma' dik tal-parti l-oħra. Dan jagħmlu billi jqis kemm l-element kronoloġiku, kemm dak tal-proporzjonalita' u kif ukoll il-korrispettivita' tal-prestazzjonjiet mhux imwettqin, ħalli jkun f'qagħda jgħid jekk dak in-nuqqas jagħtix raġun lil xi parti jew kienx il-ħtija tal-parti l-oħra. Minbarra dan, il-ġudikant irid iqis kemm l-obbligazzjoni ewlenija li taħtha ntrabtu l-partijiet, u kif ukoll dawk sekondarji li l-partijiet ikunu tawhom siwi essenzjali għall-ftehim milħuq bejniethom[33];

---

30 Paġġ. 36 sa 41 tal-proċess
31 Dok "AM", f'paġ. 231 tal-proċess
32 Xhieda ta' Alex Montanaro 16.1.2003, f'paġ. 313 tal-proċess
33 App. Inf. PS **10.10.2005** fil-kawża fl-ismijiet ***AX Construction Ltd. vs Tony Mallia Bonello***

Illi huwa prinċipju aċċettat li n-nuqqas ta' twettiq ta' obbligazzjoni kuntrattwali iġġib fis-seħħ l-effetti "sekondarji" tal-istess obbligazzjoni – jiġifieri l-effett li min jonqos li jwettaq dak li ntrabat għalih irid jagħmel tajjeb għad-danni li tkun ġarrbet il-parti li magħha kien intrabat[34]. Dan minbarra l-effett "primarju" li jista' jwassal għat-tħassir tal-obbligazzjoni jew kuntratt li jkun;

Illi meta parti tkun intrabtet li twettaq xi ħaġa u ma tagħmilhiex jew ma ttemmhiex, il-parti l-oħra (jiġifieri, l-kreditur tal-obbligazzjoni) tista' tingħata s-setgħa li twettaqha hi bi spejjeż ta' min ikun naqasha (jiġifieri, d-debitur tal-obbligazzjoni)[35]. Kreditur ta' obligazzjoni li ħaddieħor ikun intrabat miegħu li jwettaq, u dan jonqos li jwettaqha, għandu l-għażla li jew jinsisti mad-debitur tal-obbligazzjoni li jwettaq dak li ntrabat li jagħmel[36] jew, f'każ li l-adempiment ma jkunx għadu jista' jsir aktar, li jitlob il-ħlas tad-danni mġarrba minħabba dak in-nuqqas[37];

Illi huwa stabilit ukoll li meta n-nuqqasijiet fit-twettiq ta' ħatra ma jkunux sostanzjali, l-appaltatur ma jistax jitqies inadempjenti, imma jibqa' obbligat li jagħmel tajjeb in-nuqqas jew jaċċetta tnaqqis f'dak li jistħoqqlu jitħallas[38];

Illi meta wieħed jintrabat li jwettaq obbligazzjoni huwa mistenni li jagħmel dan bl-għaqal ta' missier tajjeb tal-familja[39]. Dan għaliex, ukoll fejn id-debitur ma jkunx mexa b'mala fidi, huwa jrid jagħmel tajjeb għal kull dannu li jġarrab il-kreditur tal-obbligazzjoni kemm dwar in-nuqqas ta' twettiq tar-rabta u kif ukoll dwar id-dewmien fl-eżekuzzjoni[40]. Biex jeħles minn dawn l-effetti, id-debitur irid juri li n-nuqqas ta' twettiq tal-obbligazzjoni jew id-dewmien fit-twettiq tagħha fiż-żmien miftiehem kienu l-kawża ta' ħaġa barranija li huwa ma kienx jaħti għaliha, bħal fil-każ ta' aċċident jew forza maġġuri[41];

---

[34] Art. 1125 tal-Kap 16
[35] Art. 1127 tal-Kap 16
[36] P.A. **13.12.1952** fil-kawża fl-ismijiet ***Galea vs Calleja*** (Kolez. Vol: **XXXVI.ii.578**)
[37] Kumm. **13.2.1952** fil-kawża fl-ismijiet ***Petroni vs Petroni noe*** (Kollez. Vol: **XXXVI.iii.629**)
[38] P.A. MCC **9.4.1968** fil-kawża fl-ismijiet ***Anġlu Busuttil vs Pio Fedele et*** (mhix pubblikata)
[39] Art. 1132(1) tal-Kap 16
[40] Art. 1133 tal-Kap 16
[41] Art.1134 tal-Kap 16

Illi d-danni maħsuba mil-liġi għan-nuqqas ta' twettiq ta' obbligazzjoni jew għat-twettiq tardiv tagħha huma t-telf imġarrab mill-kreditur u/jew il-qligħ imtellef[42], sakemm jintwera li tali telf jew tali qligħ imtellef ikunu l-effett immedjat u dirett tan-nuqqas tat-twettiq tal-obbligazzjoni[43]. Fejn in-nuqqas ta' twettiq ma jkunx ġej minn għamil doluż tad-debitur, id-danni mġarrbin mill-kreditur li huwa obbligat jagħmel tajjeb għalihom huma dawk li basar jew wieħed sata' jobsor li jiġġarrbu fiż-żmien tat-twettiq tal-obbligazzjoni[44];

Illi huwa mogħti lil parti f'kuntratt li tilqa' bid-difiża tal-inadempiment għat-talba tal-ħlas magħmula mill-parti l-oħra, li hija magħrufa bħala l-*exceptio non rite adempleti contractus*. Din l-eċċezzjoni tista' titqajjem f'kull kuntratt bilaterali jew sinallagmatiku u hija maħsuba li twaqqa l-azzjoni avversarja mibdija minn min huwa nnifsu ma kienx wettaq dak li ntrabat għalih fl-istess kuntratt[45]. Fejn eċċezzjoni bħal din tirriżulta mistħoqqa, l-parti mħarrka tikseb l-għarfien ġudizzjarju (b'seħħ lura minn dak inhar li l-parti attriċi tkun naqset milli twettaq il-parti tagħha) li hija tista' tissospendi l-eżekuzzjoni tar-rabtiet tagħha sakemm il-parti l-oħra attriċi tibqa' inadempjenti[46];

Illi, madankollu, huwa mgħallem u aċċettat ukoll li biex dan jista' jsir, jrid jintwera li min jirreżisti l-ħlas ma kienx huwa nnifsu inadempjenti f'xi ħaġa li kellu jagħmel taħt l-istess kuntratt. Kemm hu hekk, il-prinċipju li *inademplenti non est ademplendum*, jinbena fuq il-presuppost li min jonqos li jwettaq dak li jkun intrabat bih f'kuntratt ma jistax iwaqqa' l-istess kuntratt fuq il-kawżali tal-inadempiment tal-parti l-oħra[47]. Minbarra dan, biex dik l-eċċezzjoni tista' tintlaqa' jeħtieġ jintwera li (a) l-inadempiment tal-parti attriċi trid tikkonsisti fi ksur ta' rabta li hija parti integrali mill-ftehim; (b) li dak il-ksur trid tkun tassew taħti għalih il-parti attriċi; u (ċ) hemm proporzjonalita' bejn in-nuqqasijiet tal-partijiet, jiġifieri li dak in-nuqqas allegat fil-parti attriċi

---

[42] Art. 1135 tal-Kap 16
[43] Art. 1137 tal-Kap 16
[44] Art. 1136 tal-Kap 16
[45] App. Kumm. **12.3.1965** fil-kawża fl-ismijiet ***Aquilina utrinque*** (Kollez. Vol: **XLIX.i.518**)
[46] App. Inf. PS **15.1.2010** fil-kawża fl-ismijiet ***Siġġiewi Basketball Club vs Michele Peresso Ltd.***
[47] App. Ċiv. **3.6.1938** fil-kawża fl-ismijiet ***Muscat vs Attard et*** (Kollez. Vol: **XXX.i.155**)

jkun ta' ċerta toqol meta mqabbel man-nuqqas tar-rabta tal-parti mħarrka[48];

Illi biex wieħed jara sewwa x'inhi l-qagħda bejn iż-żewġ partijiet f'din il-kawża irid iħares lejn il-kundizzjonijiet tal-ftehim li sar bejniethom. Għalkemm Exalco ssemmi tliet ftehim bejnha u Rexa fl-1998, l-azzjoni attriċi tinbena biss fuq dak li sar f'Diċembru tal-1998. Il-Qorti jidhrilha li huwa dan biss li jista' jkun rilevanti għall-eżemi mistħoqq tal-kwestjonijiet bejn il-partijiet u dan ukoll għaliex fl-imsemmi ftehim ma jidhirx li xi waħda mill-partijiet għamlet xi riżerva jew riferenza għall-ftehim li seta' sar qabel jew għas-siwi u l-effetti ta' dak li seta' sar bis-saħħa tagħhom. Għall-kuntrarju, f'dak il-ftehim hemm klawsola espressa li tgħid li kull ftehim li seta' sar qabel ma baqax aktar fis-seħħ[49]. Għalhekk, huwa mill-ftehim tal-15 ta' Diċembru, 1998, li jinstiltu r-rabtiet li kull parti għamlet lejn l-oħra u li huma rilevanti għal din il-kawża;

Illi, minn qari tal-imsemmi ftehim, fil-każ ta' Rexa, din kellha tiddedika l-ħiliet u r-riżorsi tagħha bħala konsulent u biex tipprovdi s-servizzi tagħha lil Exalco u li tagħti l-pariri li hija tintalab tagħti mill-istess klijent tagħha[50]. F'din ir-rabta, Rexa kienet kuntrattur indipendenti u mhux impjegata ta' Exalco, u ma kenitx marbuta li toqgħod għall-istruzzjonijiet ta' din[51]. Id-dmirijiet speċifiċi li l-ftehim rabat lil Rexa bihom huma lkoll imsemmija fl-appendiċi (Annexe Two) mehmuż mal-istess ftehim u markati bis-sinjal (v), u l-Qorti m'hijiex sejra ssemmihom waħda waħda[52]. Min-naħa ta' Exalco, din kellha r-rabta waħdanija li tħallas is-somma miftehma fiż-żmien imfisser u maqbul fil-ftehim għall-għoti tas-servizzi li hija qabbdet lil Rexa li tfornilha[53];

Illi joħroġ ċar li, għalkemm Exalco wettqet xi ħlasijiet minn dawk skedati (għalkemm Rexa tallega li dawn ukoll saru wara ż-żmien li messhom saru), jirriżulta li żewġ ħlasijiet

[48] Ara App. Ċiv. **29.10.2010** fil-kawża fl-ismijiet ***Nażżareno Vassallo et noe et vs Dr. Michael Caruana et noe***
[49] Klawsola 10 (f'paġ. 5 tal-proċess)
[50] Klawsola 3
[51] Klawsola 9
[52] Ara paġġ. 9 sa 14 tal-proċess għal-lista sħiħa
[53] Klawsola 4

ma sarux. Huma dwar dawn iż-żewġ ħlasijiet li Rexa qiegħda titlob il-ħlas fl-ewwel talba tagħha. Dawn il-ħlasijiet kellhom isiru, waħda (ta' £ 5,940) hekk kif jitlesta x-xogħol fir-ristorant b'mod li jkun jista' jinfetaħ u jitħaddem, u t-tieni waħda (ta' £ 3,960) tliet xhur wara l-ftuħ soddisfaċenti tal-istess ristorant. Meħuda waħedha, t-talba attriċi tirriżulta ippruvata għaliex, fil-fatt, ir-rabta waħdanija ta' Exalco kienet il-ħlas f'waqtu u dak il-ħlas ma sarx f'waqtu, anzi baqa' ma sarx qatt. Exalco ma tiċħadx li dan il-ħlas ma sarx. Madankollu, tiġġustifika ż-żamma tal-ħlas taħt żewġ raġunijiet: l-ewwel waħda hija li dak il-ħlas m'huwiex dovut għaliex Rexa ma temmitx dak li kellha twettaq taħt il-ftehim; it-tieni waħda hi li l-ħlas m'huwiex dovut minħabba li Exalco daħlet f'nefqa akbar minħabba n-nuqqasijiet ta' Rexa, u għalhekk kellha jedd iżżomm dak il-ħlas biex ipaċi ma' dik in-nefqa żejda;

Illi fost l-ilmenti ewlenin li Exalco semmiet biex tiġġustifika għaliex ma ħallsitx is-somom dovuti lil Rexa, jissemmew (i) xogħol ħażin u li kellu jinqala' mill-ġdid u jsir xogħol ieħor minfloku b'nefqa ogħla[54]; (ii) taħwid fl-ordinijiet mogħtijin mill-konsulenti mibgħuta minn Rexa fejn dak li kien jordna konsulent partikolari (Craig McDavid) spiċċa jaqilbu ta' taħt fuq il-konsulent li ġie wrajh (Alistair Pattie)[55]; (iii) nuqqas min-naħa ta' Rexa li tibgħat nies biex iħarrġu lill-impjegati li kienu se jaħdmu fir-ristorant[56]; (iv) it-tfassil bl-addoċċ ta' *feasibility study* li webbel lil Exalco b'aspettativi kbar dwar is-suċċess tal-proġett u li kien mibni fuq tagħrif żbaljat[57]; (v) d-dewmien fil-ftuħ tar-ristorant u tneħħija ta' xogħlijiet li kienu saru sewwa biex isiru xogħlijiet oħra minflokhom[58]; u (vi) in-nefqa żejda li Exalco kellha tidħol għaliha lil hinn mill-ħtiġijiet (issemmi bħala eżempju b'mod partikolari l-ordni ta' 'l fuq minn mitt (100) siġġu aktar milli kien jiflaħ ir-ristorant);

Illi wara li l-Qorti fliet sewwa l-provi mressqa, magħduda dawk dokumentali, hija tasal għall-fehma li ma huwiex minnu li Rexa naqset milli twettaq dak li ntrabtet bih,

[54] Xhieda ta' Alex Montanaro 12.2.2002, f'paġ. 245D tal-proċess
[55] Xhieda ta' John Bason 7.5.2002, f'paġ. 272 tal-proċess
[56] Xhieda ta' Alex Montanaro 4.4.2002, f'paġ. 268 tal-proċess
[57] Xhieda ta' Alex Montanaro 27.2.2003, f'paġġ. 322 – 3 tal-proċess
[58] Xhieda tal-Inġ. Victor Bonello 11.11.2003 u 24.3.2004, f'paġġ. 339 u 350 tal-proċess

minkejja dak li tallega Exalco. Min-naħa l-oħra, Exalco ma kellhiex raġuni tajba biex iżżomm il-ħlasijiet milli jsiru fiż-żmien miftiehem;

Illi l-Qorti waslet għall-imsemmija fehma fuq bosta raġunijiet. Fl-ewwel lok, is-siwi tal-istudju preliminari ma tistax titqajjem bħala inadempiment fil-ftehim rilevanti, minħabba li Rexa ma ntrabtitx b'dak il-ftehim li tagħmel studju bħal dan, imma għall-kuntrarju, dak il-ftehim sar wara li kien sar l-istudju u l-proġett deher wieħed vijabbli. Fit-tieni lok, hemm qbil minn Exalco nnifisha li kul kuntrattur li tqabbad u kull xogħol li sar, tqabbad minn Exalco u mhux minn Rexa, magħduda l-ordni tas-siġġijiet[59]. Fit-tielet lok, li, minkejja li Exalco ma ħallsitx fil-ħin, it-taħriġ tal-impjegati tar-ristorant sar xorta minn Alistair Pattie[60]. Fir-raba' lok, sa Mejju tal-1999, Exalco kienet qiegħda tgħid li "*Things are moving well with the project*"[61] u dan fi żmien meta qiegħda tgħid li kollox suppost kien ta' taħt fuq u diġa' waqa' lura wara ż-żmien skedat. Fil-ħames lok, f'Lulju tal-1999, Alex Montanaro stqarr li "*I must say I am very pleased by what I saw – the place is stunning! ... There is no doubt we should be proud of our achievment – both Rexa and Exalco. ... I will speak highly of Rexa because you have delivered*"[62]. Fis-sitt lok, minn dokument li tfassal fi Frar tal-1999[63], issemma li kien Alex Montanaro li, minkejja li kien jingħata pariri minn Rexa, kien jitnikker biex jiddeċiedi dwar dak li jkollu jsir. Fis-seba' lok, minn prova dokumentali mressqa minn Exalco nnifisha[64] tissemma r-raġuni vera għaliex in-negozju tar-ristorant ma setax jaqbad l-art, u dik ir-raġuni ma kellha x'taqsam xejn mal-għamil jew xi omissjoni ta' Rexa. Fit-tmien lok, Exalco ma tatx tifsira tajba għaliex, jekk kemm-il darba kien hemm dan in-nuqqas min-naħa ta' Rexa, f'Lulju wegħdet bla riżervi li tibgħat il-ħlas li kellha twettaq[65]. Fl-għaxar lok, minħabba li l-ftehim kien jaħseb li s-servizzi kollha kellhom ikunu ngħataw fi żmien

---

[59] Xhieda ta' Alex Montanaro 16.1.2003, f'paġ. 311 tal-proċess
[60] Xhieda ta' John Bason 7.5.2003, f'paġ. 273 tal-proċess
[61] Dok f'paġ. 130 tal-proċess
[62] Dok f'paġ. 131 tal-proċess
[63] *Progress report* f'paġ. 144 tal-proċess
[64] Dok "AM1", f'paġ. 208 tal-proċess
[65] Xhieda ta' Alex Montanaro 16.1.2003, f'paġġ. 308 – 9 tal-proċess

tliet (3) xhur minn meta kellhom jinbdew[66], Rexa ma kienet sejra tikseb xejn bid-dewmien, għaliex hija ntrabtet li tibqa' tagħti s-servizzi tagħha lil Exalco sa dak inhar li jinfetaħ ir-ristorant bla żieda fil-ħlas. Fil-ħdax-il lok, il-qagħda finanzjarja mwiegħra li setgħet tinsab fiha Rexa ma tistax tissarraf, waħedha, f'ċirkostanza ta' inadempiment, għaliex Rexa ma kellhiex bżonn kapital biex tagħti s-servizzi mwiegħda: jekk, imbagħad, dik il-qagħda kienet tħarrxet minħabba li Exalco naqset li tibgħat f'waqthom il-ħlasijiet li kienet marbuta tibgħat, allura anqas u anqas ma jmissha teħel Rexa b'dan il-fatt;

Illi minn din il-ġabra kollha ta' fatti u kostatazzjoinjiet, il-Qorti ma tistax issib li Rexa ħtiet lejn Exalco b'xi nuqqasijiet rilevanti li jwassluha biex titqies inadempjenti u għalhekk l-eċċezzjoni ewlenija ta' Exalco ma hijiex tajba;

Illi fl-imsemmija eċċezzjoni Exalco qanqlet ukoll il-kwestjoni li kellha l-jedd iżżomm il-ħlas biex jagħmel tajjeb għal u jpaċi ma' l-ħlas dovut lil Rexa. Fil-kontro-talba, din kienet saħansitra talba speċifika, iżda ladarba Exalco irrinunzjat għall-azzjoni rikonvenzjonali, l-Qorti sejra tqisha biss fid-dawl tal-eċċezzjoni għall-azzjoni ewlenija u bħala ġustifikazzjoni għan-nuqqas ta' ħlas[67];

Illi jibda biex jingħad li t-tpaċija sseħħ hekk kif tnejn min-nies ikunu, fl-istess waqt, ukoll debituri ta' xulxin[68]. Kemm hu hekk, din it-tpaċija ssir bis-saħħa tal-liġi wkoll jekk kemm-il darba d-debituri jkunux jafu li qegħda sseħħ[69]. It-tpaċija sseħħ fejn ikun hemm żewġt idjun li jkollhom somma ta' flus jew ħaġa funġibbli ta' l-istess speċi u dan sakemm iż-żewġt idjun ikunu likwidi u dovuti[70];

Illi, minbarra dan, it-tpaċija hija meqjusa mil-liġi bħala waħda mill-modi li bihom tintemm obbligazzjoni[71]. Biex isseħħ it-tpaċija, għalhekk, jeħtieġ li jkun hemm obbligazzjoni li toqtol, għal kollox jew f'biċċa, obbligazzjoni

---

[66] Klawsola "*Duration*" f'paġ. 7 tal-proċess
[67] Xhieda ta' Alex Montanaro 16.1.2003, f'paġ. 310 tal-proċess
[68] Art. 1196(1) tal-Kap 16
[69] Art. 1196(2) tal-Kap 16
[70] Art. 1197(1) tal-Kap 16
[71] Art. 1145(d) tal-Kap 16

oħra kuntrarja. Dan ifisser li t-tpaċija, meta tiġi eċċepita, tammonta għal stqarrija ta' għarfien tal-obbligazzjoni li kontra tagħha t-tpaċija ssir. Kemm hu hekk, ingħad li t-tpaċija hija ammissjoni tal-obbligazzjoni kuntrarja[72] u twaqqa' l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni;

Illi t-tpaċija sseħħ bis-saħħa tal-liġi nnifisha wkoll jekk mingħajr l-għarfien tad-debituri nfushom, b'mod li hekk kif ikunu jeżistu **żewġt idjun fi żmien wieħed** joqtlu 'l xulxin safejn ikunu ndaqs[73]. Huwa siewi li wieħed iżomm quddiem għajnejh li, fit-tpaċija, "*i debiti si estinguono non dal giorno della sentenza e per effetto di questa, ma dal momento della loro coesistenza (ex tunc), automaticamente, per effetto della legge...*"[74];

Illi t-tpaċija tista' titqies bħala ħlas reċiproku li jitfi ż-żewġ obbligazzjonijiet (jekk ikunu ndaqs) fl-istess waqt[75]. Jekk kreditu wieħed ikun akbar mill-ieħor, it-tpaċija sseħħ sal-ammont tal-anqas wieħed u l-obbligazzjoni tibqa' skond kemm l-akbar kreditu jkun jisboq 'il dak li jkun iċken;

Illi l-liġi tagħna tagħraf żewġ għamliet ta' tpaċija: dik *ex lege* u dik konvenzjonali, li ma toqgħodx għar-regoli tal-ewwel forma, imma tiddependi biss mir-rieda tal-partijiet li jiftehmuha[76]. Biex tista' sseħħ it-tpaċija legali jeħtieġ jintwera li (a) jkun hemm żewġ djun fl-istess waqt (ukoll jekk mhux tal-istess qies jew valur), (b) li jirreferu għal tnejn min-nies li huma debitur u kreditur reċiprokament ta' xulxin, (ċ) li jkunu omoġenji (jiġifieri, jkollhom bħala oġġett il-ħlas ta' flus jew ħaġa oħra funġibbli); (d) li jkunu likwidi jew jistgħu jkunu likwidati bla taħbit kbir u jkunu ċerti wkoll f'dik li hija kwantita', u (e) li d-djun ikunu dovuti jew jistgħu jintalbu[77];

Illi fir-rigward tad-djun li joqtlu 'l xulxin, id-duttrina tisħaq li biex isseħħ it-tpaċija jeħtieġ li tintwera "*l'autonomia dei contrapposti rapporti di credito*". Għalhekk il-liġi trid li jkun

---

[72] P.A. **3.5.1993** fil-kawża fl-ismijiet ***Spiteri et vs Vella*** (Kollez. Vol: **LXXVII.iii.128**)
[73] Art. 1196(2) tal-Kap 16
[74] Torrente Manuale di Diritto Privato, (9[a] Ediz.), § 246, paġ. 415
[75] Caruana-Galizia Notes on Civil Law : Obligations, paġ. 365
[76] Kumm.**26.11.1984** fil-kawża fl-ismijiet ***Merċieca noe vs Debono noe et*** (Kollez. Vol: **LXVIII.iv.235)**
[77] Art 1197 tal-Kap 16

hemm żewġt idjun separati, u mhux rapport wieħed li minnu jitnisslu pretensjonijiet reċiproċi tal-partijiet. Kemm hu hekk, ingħad b'awtorita' interpretativa li "*La compensazione suppone l'autonomia dei rapporti ai quali i debiti delle parti si riferiscono, con la conseguenza che, quando si tratti invece di un unico rapporto, o di rapporti accessori, la controversia si traduce in un accertamento di dare e avere, e cioe' in una sorta di complesso conteggio, a proposito del quale non puo' parlarsi di compensazione in senso tecnico*"[78];

Illi meta wieħed iqis li dak li tippretendi Exalco joħroġ mill-istess obbligazzjoni li dwarha hija qiegħda tintalab tħallas dak minnha dovut u meta wieħed iqis ukoll li l-pretensjoni ta' Exalco la hija waħda likwidata u lanqas dovuta, jiġi li din l-eċċezzjoni ma tiswiex biex iżżomm lil Rexa milli bil-ħaqq kollu titlob li jsirilha l-ħlas lilha dovut;

Ghal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

**Tilqa' l-ewwel talba attriċi** u ssib li l-kumpannija mħarrka għandha tħallas lill-attur *nomine* s-somma ta' erbatax-il elf disa' mija u sebgħa u sebgħin ewro u sebgħa u tmenin ċenteżmi (€ 14,977.87) rappreżentanti l-ammont fiż-żmien li kienet dovuta ta' disat elef u disa' mitt lira Sterlina (£ 9,900) bħala ħlasijiet dovuti skond kuntratt tal-15 ta' Diċembru, 1998, flimkien mal-imgħaxijiet legali fuq l-imsemmija somma b'seħħ mis-17 ta' Awissu, 1999, sal-jum tal-ħlas effettiv;

**Tikkundanna** lill-kumpannija mħarrka tħallas lill-attur *nomine* l-imsemmija somma ta' € 14,977.87 flimkien mal-imsemmi mgħax;

**Tastjeni** milli tqis aktar it-**tieni, t-tielet u r-raba' talbiet** attriċi ladarba l-attur *nomine* irrinunzja għalihom;

**Tiċħad l-eċċezzjonijiet** tal-kumpannija mħarrka dwar l-ewwel talba, billi ma jirriżultax li l-attur *nomine* kien jaħti ta'

---

[78] Pescatore e Ruperto <u>*Codice Civile Annotato*</u> (7th Ediz.), paġ. 1164

nuqqas ta' twettiq tar-rabtiet maħsuba fil-ftehim li sar bejn il-partijiet;

**Tastjeni milli tqis aktar it-talbiet rikonvenzjonali** kollha tal-kumpannija mħarrka billi din irtirathom; u

**Tikkundanna** lill-kumpannija mħarrka tħallas l-**ispejjeż kollha tal-kawża**, kemm dawk marbuta mal-azzjoni ewlenija u kif ukoll dawk mal-Kontro-talba, minbarra dawk marbuta mat-tieni, t-tielet u r-raba' talbiet attriċi, li jbatihom l-attur *nomine*.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------